



# *L-Innu Popolari jagħlaq 70 Sena*

*P. Louis Bajada O. Carm*

Għalkemm ilni 25 sena nieqes mill-Parroċċa ta' Sta. Venera, xorta waħda bqajt inħossni viċin tagħkom. Mhux la kemm inħassar mill-memorji tiegħi 18-il sena ta' ħidma pastorali li domt naħdem f'Sta.Venera. Il-ħabib tiegħi Alfred Mizzi għarrafni li din is-sena, l-**Innu Popolari lil Sta.Venera** ser jagħlaq sebgħin sena miktub u tant ieħor jitkanta kull sena fil-funzjonijiet Liturġiċi, speċjalment f'jiem il-festa. Għalhekk xtaqni li nagħti xi informazzjoni kemm fuq l-Innu Popolari, kif ukoll fuq l-Antifona ***Veni Sponsa Christi*** u l-Innu Liturgiku ***Viriginis Proles*** li jitkantaw u jindaqqu kull sena fit-tlett ijiem tat-tridu, lejlet il-festa u nhar il-festa ta' Sta. Venera.

Bħala *maestro di cappella* – jiġifieri id-direttur mużikali tal-kor, solisti u orkestra tal-liturġija tal-festa parrokkjali ta' Sta Venera - għamilt 37 sena. Illum, kontra qalbi u minħabba saħħti, il-ħidma tiegħi mużikali ġiet limitata biss għall-Kor Parrokkjali tal-Fleur-de-lys. B'sodisfazzjon ħallejt ikompli x-xogħol tiegħi bħala *maestro di cappella* lill-assistent direttur li kelli miegħi għal ħames snin lill-Mro. Josef Bugeja.

Fis-sena 1972 ġejt imqabbad mill-Provinċjal ta' dak iż-żmien, P. Ġustin Sant O.Carm, biex nibda nieħu ħsieb il-funzjonijiet tal-Festa ta' Sta. Venera. Jien aċċettajt bil-qalb kollha dan l-impenn u dħalt b'responsabbiltà wara s-surmast ta' qabli P. Daniel Sammut O.Carm. Kien żmien diffiċli sakemm drajt u ħadt esperjenza ta' dan ix-xogħol.

Fost il-Mużika li sibt fl-arkivji tal-Komunità Parrokkjali kien hemm l-Antifona *Veni Sponsa Christi* li nkitbet minn Mro. Joseph Abela Scolaro, fis-sena 1950, li dan kien *maestro di cappella* qabel P. Daniel Sammut O.Carm. Fost ħafna xogħlijiet mużikali tiegħu, fis-sena 1965, ikkompona wkoll l-Innu Liturġiku *Virginis Proles*. Sibt ukoll l-**Innu Popolari**, kliem u mużika ta' P. Edward Vella O.Carm li nkiteb sebgħin sena ilu fl-1943. Dan l-Innu għadu jitkanta mill-kongregazzjoni fil-

knisja sa llum fil-festi, kemm ta' gewwa kif ukoll ta' barra. B'dan l-Innu jingħalqu t-tlitt tijiem tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa.

Min kien Patri Dward Vella li kkompona kemm il-lirika kif ukoll il-mużika ta' dan l-Innu hekk popolari? Patri Dward twieled fit-2 ta' Jannar 1917, sena qabel Santa Venera saret parroċċa. Kienu disa' aħwa. Patri Dward daħal mal-Karmelitani fil-kunvent tal-Imdina fl-1936. Ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Settembru, 1940. Hu serva għal żmien twil fil-parroċċa ta ' Santa Venera. P. Dward kien devot kbir ta' Santa Venera, u ma kenitx sorpriża li sawwar u niseġ l-Innu għaliha, innu li hu l-għaxqa tal-Vendriżi kollha. Dan l-innu nkiteb fl-1943 u proprju din is-sena jagħlaq 70 sena.

Fl-1950 Patri Dward ġie mibgħut fil-missjoni ta' Tingo, Arequipa fil-Peru li l-Karmelitani Maltin kienu għadhom kemm fetħu. Nistgħu ngħidu li minn hawn 'il quddiem Patri Dward qatta' għomru u żmienu fil-Missjoni fejn anke kien fetaħ djar fil-Bolivija. Patri Dward qatt ma reġa' lura Malta u miet fil-missjoni l-Bolivia.



*P. Dward Vella ftit qabel miet*

Il-ħabib tiegħi Joe Tanti tani informazzjoni tassew interessanti. Kien qalli li ġie f'idejh manuskritt ieħor b'mużika differenti tal-Innu Popolari lil Sta Venera, kompożizzjoni ta' Mro. Joseph Abela Scolaro u lirika ta' Dun Frans Camilleri. Dan l-innu kien inkiteb fis-sena 1950. Jien nista' ngħid li qatt ma kelli konoxxenza tiegħu. Minn meta dan l-innu ġie f'idejn is-Sur Joe Tanti, li huwa d-direttur tal-Kor preżenti ta' Sta.Venera, beda jitkanta kull meta l-vara tgħaddi minn quddiem il-bini tal-Knisja l-ġdida qabel tlestiet, flimkien

*ikompli f'paġna 53*



mal-ieħor l-oriġinali. Malli l-Knisja l-ġdida tlestiet u bdiet tintuża regolarment, iż-żewg innijiet bdew jitkantaw fil-jiem tal-festa. Min-naħa tiegħi jien ukoll kelli nagħmel xi tibdil u arranġamenti mużikali oħra, minħabba li l-knisja l-ġdida kienet titlob u jixirqilha aktar mużika maestuża u adattata għall-kobor tagħha.

Fis-sena 2007 għamilt arranġament differenti tal-Antifona *Veni Sponsa Christi*. Filwaqt li ħallejtilha t-tema melodjuża u sabiħa kif kien kitibha Mro. Joseph Abela Scolaro, jien żidtilha introduzzjoni daqsxejn drammatika, simbolu tal-martirju ta' Sta. Venera. Fin-nofs ktibt '*preghiera*', jigifieri talba, fejn nisimgħu lill-Għarus il-Mulej Alla jsejjah lil Venera għall-premju etern. Fil-konklużjoni esprimejt il-glorja li kien jixirqilha Sta.Venera meta ltaqgħet mal-Mulej wiċċ imb'wiċċ b'akkordji solenni u ritmu iktar qawwi. Fis-sena 2009 ikkomponejt mill-ġdid l-Innu Liturġiku *Virginis Proles* li jindaqq bħala introduzzjoni tal-funzjoni tat-Tridijiet u fid-dħul tat-Translazzjoni tar-relikwa f'Lejlet il-Festa. Ridt li dan l-innu l-ġdid ikun melodjuż u mexxej sabiex jikkaratterizza l-ferħ fil-festa liturġika ta' Sta.Venera. Jidher li kemm l-Antifona kif ukoll l-Innu Liturġiku ntgħoġbu u gew milqugħin mill-parruċċani, l-iktar dawk intiżi fit-tradizzjoni mużikali-liturġika tal-gżejjer tagħna.

B'dan l-artiklu qasir ippruvajt nagħti tagħrif biżżejjed għal dawk li jħobbu l-mużika li tindaqq u titkanta fil-ġranet tal-Festa ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Sta. Venera. Filwaqt li nselli għall-parruċċani kollha, nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.

**P. Louis Bajada O.Carm serva ta' *Maestro di Cappella* ta' Santa Venera mill-1972 sal-2010.**

*F'Jum il-festa tal-Qaddisa Patruna*
*Santa Venera V. M.*
*il-poplu Vendriż jiċċelebra l-festi*
*f'ġieħ din il-Verġni u Martri*
*li r-raħal kburi li jġib isimha*